



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

14 ta' Diċembru 2023\*

“Ambjent – Direttiva 1999/31/KE – Rimi ta’ skart f’landfill – Obbligu tal-ġheluq tal-landfills li ma kisbux il-permess meħtieġ – Proċedura tal-ġheluq – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Nuqqas ta’ eżekuzzjoni – Artikolu 260(2) TFUE – Sanzjonijiet pekunjarji – Pagamenti ta’ penalità – Somma f’daqqqa”

Fil-Kawża C-109/22,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu skont l-Artikolu 260(2) TFUE, imressaq fil-15 ta’ Frar 2022,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn L. Nicolae u E. Sanfrutos Cano, bħala aġenti, rikorrenti,

vs

**Ir-Rumanija**, irrappreżentata minn L.-E. Baṭagħoi, E. Gane, O.-C. Ichim u L. Liču, bħala aġenti, konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn T. von Danwitz (Relatur), President tal-Awla, P. G. Xuereb u I. Ziemele, Imħallfin, Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni meħħuda, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li l-kawża tinqata’ mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

\* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

## Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħba:

- tikkonstata li, billi ma ġadix il-miżuri kollha neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija (C-301/17, iktar 'il-quddiem is-“sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija”, EU:C:2018:846), ir-Rumanija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE;
- timponi fuq ir-Rumanija, skont l-Artikolu 260(2) TFUE, għal nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li tieħu l-miżuri neċċesarji sabiex teżegwixxi s-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, pagamenti ta' penalità ta' EUR 29 781.30 għal kull jum ta' dewmien b'effett mid-data tal-ġhoti tas-sentenza f'din il-kawża u sakemm jiġu adottati l-miżuri kollha neċċesarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija;
- timponi fuq ir-Rumanija, skont l-Artikolu 260(2) TFUE, il-ħlas ta' somma f'daqqa bbażata fuq ammont ta' kuljum ta' EUR 3 311.5 mmultiplikat bin-numru ta' jiem li jkunu għaddew mill-jum ta' wara s-sentenza fil-kawża Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija sad-data li fiha r-Rumanija tkun ġadet il-miżuri kollha neċċesarji għall-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza jew, fin-nuqqas, sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża, sakemm tkun inqabżet is-somma f'daqqa minima ta' EUR 1 643 000, u
- tikkundanna lir-Rumanija għall-ispejjeż.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-Direttiva 1999/31/KE*

2 Skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 1999/31/KE tal-Kunsill tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'lanfill (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 228, rettiffika fil-ĠU 2018, L 91, p. 30), din id-direttiva għandha l-għan li tipprevedi miżuri, proċeduri u linji gwida intiżi sabiex jiġu evitati jew imnaqqsa kemm jista' jkun possibbli l-effetti negattivi tar-rimi ta' skart f'landfill fuq l-ambjent, u partikolarment it-tniġġiż tal-ilma tal-wiċċ, tal-ilma tal-qiegħ, tal-ħamrija u tal-arja, u fuq l-ambjent globali, inkluż l-effett serra, kif ukoll kull riskju li jirriżulta għas-saħħha tal-bniedem, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-landfill.

3 L-Artikolu 2(g) ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

“Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

[...]

(g) ‘landfill’ tfisser sit ta’ rifjut ta’ skart għal depożitu ta’ l-iskart fuq jew fl-art (per eżempju taħt l-art), inkluż:

- siti ta’ rifjut intern (per eżempju landfill fejn dak li jipproduċi l-iskart ikun qed jarmi l-iskart tiegħi fil-post tal-produzzjoni),

u

- sit permanenti (per eżempju ta' aktar minn sena) li jintuża għal ħażna temporanja ta' skart, iżda jeskludi:

- faċilitajiet fejn iħottu l-iskart sabiex tkun tista' ssir il-preparazzjoni għalihi għal aktar trasport għal ir-kupru, trattament jew rimi f'post ieħor,

u

- ħażna ta' skart qabel l-irkupru jew trattament għal perjodu ta' inqas minn tlett snin bħala regola ġenerali,

jew

- ħażna ta' skart qabel ir-rimi għal perjodu ta' inqas minn sena".

4 L-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva jipprevedi l-kundizzjonijiet tal-permess ta' landfill. L-Artikolu 13 tagħha jirregola l-proċedura tal-ġħeluq u l-kura ta' wara l-ġħeluq.

5 L-Artikolu 14 tal-istess direttiva, intitolat "Siti eżistenti ta' landfills", jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex landfills li ġew mogħtija permess, jew li huma diġa qed jitħaddmu fil-ħin ta' trasposizzjoni ta' din id-Direttiva, ma jistgħux ikomplu jaħdumu sakemm [ħlief jekk] il-passi indikati hawn taħt jiġu mtemma malajr kemm jista' jkun u fi żmien tmien snin minn wara d-data stipulata fl-Artikolu 18(1) l-aktar tard:

[...]

(b) skond il-preżentazzjoni tal-pjan ta' kondizzjonament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu deċiżjoni definita fuq jekk l-operazzjonijiet ikomplux fuq il-bażi ta' l-imsemmi pjan ta' kundizzjonjalment u ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċċesarji biex jagħlqu malajr kemm jista' jkun possibbli, bi qbil ma l-Artikolu 7(g) u 13, siti li ma ġewx mogħtija, bi qbil ma' l-Artikolu 8, permess biex ikomplu joperaw;

(c) fuq il-bażi tal-pjan ta' kondizzjonament tas-sit approvat, l-awtortá kompetenti għandha tawtorizza x-xogħol neċċesarju u tistipula perjodu tranżitorju għat-temma tal-pjan. Landfill eżistenti trid taqbel mall-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva bl-eċċeżżjoni tal-ħtiġijiet fl-Anness I, punt 1 fi żmien tmien snin wara d-data stipulata fl-Artikolu 18(1);

[...]"

6 L-Artikolu 18 tad-Direttiva 1999/31, intitolat "Transpożizzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħi:

"L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħi, regolamenti u dispożizzjonijiet neċċesarji sabiex jaqblu ma' din id-Direttiva mhux aktar tard minn sentejn minn wara d-dħul tagħha fis-seħħi. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan immedjatament.

[...]"

- 7 L-Artikolu 19 ta' din id-direttiva, intitolat "Dħul fis-seħħ", jipprovdi li:  
"Id-Direttiva trid tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikkazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej."

### **L-Att tal-Adeżjoni tal-2005**

- 8 Skont l-Artikolu 52 tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2005, L 157, p. 203), "[m]a' l-adeżjoni, [...] [i]r-Rumanija [għandha titqies] bħala [destinatarja] tad-direttivi u d-deċiżjonijiet fis-sens ta' l-Artikolu 249 tat-Trattat tal-KE u ta' l-Artikolu 161 tat-Trattat KEEA, sakemm dawk id-direttivi u deċiżjonijiet ikunu ġew indirizzati lill-Istati Membri attwali kollha".
- 9 Skont l-Artikolu 53(1) ta' dan l-att, ir-Rumanija għandha ddaħħal fis-seħħ il-miżuri li huma neċċesarji għaliha sabiex tikkonforma ruħha, mid-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni, mad-dispożizzjonijiet tad-direttivi u tad-deċiżjonijiet, fis-sens tal-Artikolu 249 tat-Trattat KE u tal-Artikolu 161 tat-Trattat KEEA, sakemm ma huwiex previst terminu ieħor fl-imsemmi att.
- 10 Konformement mal-punt 3(a) tal-Parti B tat-Taqsima 9 tal-Anness VII tal-istess att, ġiet prevista deroga mill-Artikolu 14(c) tad-Direttiva 1999/31 u mill-punti 2 sa 4 u 6 tal-Anness I ta' din id-direttiva għal 101 landfill muniċipali eżistenti fir-Rumanija sas-16 ta' Lulju 2017.

### **Is-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija**

- 11 Permezz tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, billi ma kkonformatx ruħha, f'dak li jikkonċerna t-68 landfill previsti mir-rikors tal-Kummissjoni, mal-obbligu li tieħu l-miżuri kollha neċċesarji sabiex, fl-iqsar żmien possibbli, konformement mal-Artikolu 7(g) u mal-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31, jingħalqu s-siti li ma kisbux, konformement mal-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, il-permess sabiex ikomplu joperaw, ir-Rumanija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 14(b) tal-Direttiva 1999/31, moqri flimkien mal-Artikolu 13 tagħha.

### **Il-proċedura prekontenzjuża u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

- 12 Wara l-għoti tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, il-Kummissjoni talbet lir-Rumanija, permezz ta' ittra tal-25 ta' Ottubru 2018, informazzjoni dwar il-miżuri meħuda minn dan l-Istat Membru għall-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza.
- 13 Fit-tweġiba tagħha tal-14 ta' Jannar 2019, ir-Rumanija indikat li kienu biss 19 mit-68 landfill ikkonċernati li kienu ngħalqu.
- 14 Permezz ta' ittra tal-1 ta' April 2019, il-Kummissjoni talbet lir-Rumanija tiprovdilha kalendarju dwar l-għeluq tad-49 landfill li kien jifdal, kif ukoll il-provi marbuta magħħom.
- 15 Permezz ta' ittra tat-28 ta' Mejju 2019, ir-Rumanija informat lill-Kummissjoni bl-ġħeluq ta' landfill addizzjonali. Permezz ta' ittra tad-9 ta' Jannar 2020, dan l-Istat Membru indika lill-Kummissjoni li n-numru ta' landfills mhux magħluqa f'din id-data tal-aħħar kien ta' 48.

- 16 Fl-14 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Rumanija skont l-Artikolu 260 TFUE, fejn indikat li dan l-Istat Membru ma kienx ħa l-miżuri kollha neċċesarji sabiex jeżegwixxi s-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, sa fejn 48 mit-68 landfill ikkonċernati minn din is-sentenza kienu ġħadhom ma nghalqx, fis-sens tad-Direttiva 1999/31, u stiednet lill-imsemmi Stat Membru jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu f'terminu ta' erba' xhur minn meta jirċievi din l-ittra, li sussegwentement ġie estiż sat-30 ta' Settembru 2020.
- 17 Fid-29 ta' Settembru 2020, ir-Rumanija wieġbet għall-imsemmija ittra billi ddikjarat l-għeluq ta' landfill addizzjonali. Barra minn hekk, hija bagħtet lill-Kummissjoni kalendarju ta' konformità ma' din id-direttiva, li kien jipprevedi li x-xogħliji tal-għeluq tal-parti l-kbira tal-landfills ta' skart industrijni perikoluż u mhux perikoluż kellhom jitlestew fix-xahar ta' Diċembru 2023.
- 18 Wara laqgħa bilaterali li saret fit-8 ta' Frar 2021 u li kienet tirrigwarda dan il-kalendarju, il-Kummissjoni ġiet informata bl-għeluq ta' tliet landfills addizzjonali.
- 19 Permezz ta' ittra tal-20 ta' Awwissu 2021, ir-Rumanija informat lill-Kummissjoni li l-44 landfill li kien fadal kienu ġħadhom ma nghalqx. Dan l-Istat Membru informa wkoll lill-Kummissjoni li t-twettiq tal-analiżi dijanjostiċi relatati mal-għeluq kien ġie suġġett għal dewmien, b'tali mod li l-imsemmi kalendarju ma kienx ser jiġi osservat.
- 20 Peress li qieset li r-Rumanija ma kinitx ħadet il-miżuri neċċesarji għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija fir-rigward ta' dawn l-44 landfill u peress li ma kinitx ser tosserva t-termini stabbiliti fil-kalendarju tagħha ta' konformità, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors.
- 21 Permezz ta' ittra tal-14 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li, bejn id-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors u l-14 ta' Settembru 2023, ir-Rumanija kienet ikkonformat ruħha mas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, fir-rigward ta' tlettax-il landfill addizzjonali.

## Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors

### *L-argumenti tal-partijiet*

- 22 Ir-Rumanija ssostni li r-rikors huwa inammissibbli, għar-raġuni, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni naqset milli tagħtiha terminu raġonevoli sabiex tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 14 tad-Direttiva 1999/31 u li l-proċedura prekontenzjuża relatata ma' din il-kawża kkoinċidiet mal-pandemija tal-COVID-19, li, mingħajr ma pprekludiet lir-Rumanija milli tikkonforma ruħha ma' dawn l-obbligi, dewmet madankollu l-proċess ta' konformità ma' din id-direttiva.
- 23 Fit-tieni lok, ir-Rumanija tilmenta li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, billi applikat għaliha terminu ġħall-konformità mal-imsemmija direttiva li, skont dan l-Istat Membru, huwa iqsar minn dak mogħti lil Stati Membri oħra f'sitwazzjonijiet simili.
- 24 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-Rumanija u tqis li dan ir-rikors huwa ammissibbli.

### ***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

- 25 Fir-rigward tal-argument tar-Rumanija li l-Kummissjoni ma tathiex terminu raġonevoli sabiex tikkonforma ruħha mal-obbligi imposti fuqha taħt l-Artikolu 14 tad-Direttiva 1999/31, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura prekontenzjuża għandha l-ġhan li tagħti lill-Istat Membru kkonċernat l-opportunità, minn naħħa, li jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u, min-naħħa l-oħra, li jsostni b'mod utli l-motivi ta' difiża tiegħu kontra l-ilmenti mressqa mill-Kummissjoni. Dan l-ġhan doppju jobbliġa lill-Kummissjoni tħall terminu raġonevoli lill-Istati Membri sabiex iwieġbu għall-ittra ta' intimazzjoni u sabiex jikkonformaw ruħhom ma' opinjoni motivata jew, jekk ikun il-każ, sabiex jippreparaw id-difiża tagħhom. Għall-evalwazzjoni tan-natura raġonevoli tat-terminu stabbilit, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni c-ċirkustanzi kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni tal-każ inkwistjoni (sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 26 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar ukoll li, skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 1999/31, l-Istati Membri kienu obbligati jieħdu l-miżuri indikati f'dan l-artikolu kemm jista' jkun malajr u mhux iktar tard minn tmien snin mid-data stabbilita fl-Artikolu 18(1) ta' din id-direttiva. Skont din id-dispożizzjoni tal-aħħar, l-imsemmija direttiva kellha tiġi trasposta mill-Istati Membri fl-ordinamenti ġuridiċi rispettivi tagħhom mhux iktar tard minn sentejn mid-dħul fis-seħħ tagħha. Peress li d-Direttiva 1999/31 daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 1999, konformement mal-Artikolu 19 tagħha, it-terminu previst fl-Artikolu 14 tagħha skada, konsegwentement, fis-16 ta' Lulju 2009 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, punti 23 u 29).
- 27 Konsegwentement, f'dan il-każ, fid-data li fiha l-Kummissjoni bagħtitilha l-ittra ta' intimazzjoni tagħha, jiġifieri fl-14 ta' Mejju 2020, ir-Rumanija kienet digħi obbligata tikkonforma ruħha mal-obbligi imposti fuqha taħt l-Artikolu 14 tad-Direttiva 1999/31 għal iktar minn għaxar snin, u kienet is-suġġett ta' proċedura ta' ksur li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2018. Barra minn hekk, billi estendiet it-terminu ta' tweġiba għal din l-ittra sat-30 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni tat lil dan l-Istat Membru terminu ta' iktar minn erba' xħur, minn meta jirċievi l-imsemmija ittra, sabiex jikkonforma ruħu ma' dawn l-obbligi u sabiex isostni b'mod utli l-motivi ta' difiża tiegħu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors biss fil-15 ta' Frar 2022, jiġifieri sena u disa' xħur wara li ntbagħtet l-istess ittra.
- 28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Rumanija baqgħet ma stabbilixxiet li hija ma bbenefikatx minn terminu raġonevoli fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 25 ta' din is-sentenza. F'dan il-kuntest, l-argument ta' dan l-Istat Membru dwar l-effett tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-eżekuzzjoni tal-imsemmija obbligi lanqas ma jista' jirnexxi. Fil-fatt, l-insuffiċjenza ta' miżuri li kellhom jiġu adottati u implimentati mis-16 ta' Lulju 2009 ma tistax tiġi ġġustifikata minn pandemija li seħħet matul is-sena 2020 (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (Valuri ta' limitu – NO<sub>2</sub>), C-220/22, EU:C:2023:521, punt 101).
- 29 Fir-rigward tal-argument tar-Rumanija li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament billi applikat fil-konfront tagħha terminu għall-konformità mad-Direttiva 1999/31 iqsar minn dak allegatament mogħti lil Stati Membri oħra f'sitwazzjonijiet simili, għandha titfakkar il-ġurisprudenza stabbilita li l-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali sabiex tiddeċiedi dwar l-opportunità li tagħixxi kontra Stat Membru, sabiex tiddetermina d-dispożizzjoni jiet li huwa kiser u sabiex tagħżel il-mument li fih hija tibda l-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontrih, b'mod li l-kunsiderazzjonijiet li jiddeterminaw din l-għażla ma jistgħux jaffettwaw l-ammissibbiltà tal-azzjoni. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li,

fid-dawl ta' dan il-marġni ta' diskrezzjoni, l-assenza ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra Stat Membru ma hijiex rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat kontra Stat Membru ieħor (sentenza tat-2 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, L-Ungjerija u Ir-Repubblika Ċeka (Mekkaniżmu temporanju ta' rilokazzjoni tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali), C-715/17, C-718/17 u C-719/17, EU:C:2020:257, punti 75 u 76, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

- 30 F'dan il-każ, ir-Rumanija baqgħet ma stabbilixxiet li l-Kummissjoni kisret il-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni msemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li din l-istituzzjoni ġadet id-deċiżjoni li tippreżenta dan ir-rikors meta deher li dan l-Istat Membru ma kienx ser josserva l-iskadenza prevista mill-kalenderju ta' konformità msemmi fil-punt 17 ta' din is-sentenza, jiġifieri x-xahar ta' Diċembru 2023, jiġifieri iktar minn ġumes snin wara l-ġhoti tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija.
- 31 L-azzjoni tal-Kummissjoni kienet għalhekk ibbażata fuq kriterju oġġettiv u newtrali, dwar il-persistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li bih hija akkużata r-Rumanija (ara, b'analoga, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, L-Ungjerija u Ir-Repubblika Ċeka (Mekkaniżmu temporanju ta' rilokazzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali), C-715/17, C-718/17 u C-719/17, EU:C:2020:257, punt 81).
- 32 Għaldaqstant, il-fatt li, f'sitwazzjonijiet allegatament simili, Stati Membri oħra minbarra r-Rumanija bbenefikaw minn perijodu itwal bejn id-data tal-ittra ta' intimazzjoni u dik li fiha tressqet il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bl-ebda mod ma jista' jaffettwa l-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors.
- 33 Konsegwentement, ir-rikors imressaq mill-Kummissjoni huwa ammissibbli.

### **Fuq in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu**

#### ***L-argumenti tal-partijiet***

- 34 Fid-dawl tad-dispożittiv tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, il-Kummissjoni ssostni li, skont l-Artikolu 260(1) TFUE, ir-Rumanija kienet obbligata tieħu l-miżuri neċċesarji sabiex, fl-iqsar żmien possibbli, jingħalqu t-68 landfill inkwistjoni f'dik is-sentenza.
- 35 Ir-Rumanija tirrikonoxxi li, fid-data tal-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-ittra ta' intimazzjoni, kif estiż, jiġifieri fit-30 ta' Settembru 2020, hija ma kinitx ġadet il-miżuri kollha neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha ma' dik is-sentenza, fir-rigward tal-ġħeluq ta' 47 landfill minn dawn il-landfills.

#### ***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

- 36 Skont l-Artikolu 260(2) TFUE, jekk il-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru kkonċernat ma adottax il-miżuri neċċesarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija tista' tadixxi lil din tal-aħħar, wara li tkun tat-lil dan l-Istat Membru l-opportunità li jissottometti l-observazzjonijiet tiegħi, filwaqt li tindika l-ammont tas-somma f'daqqa jew tal-pagamenti ta' penalità li għandhom jitħallsu mill-imsemmi Stat li hija tqis adatti għaċ-ċirkustanzi.

- 37 F'dan ir-rigward, id-data ta' riferiment għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 260(2) TFUE hija dik tal-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-ittra ta' intimazzjoni maħruġa skont din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (Dħul minn proprjetà immob bli barranija), C-842/19, EU:C:2020:915, punt 12, u tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Ir-kupru ta' ghajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 61 u kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 38 F'dan il-każ, kif irrikonoxxiet ir-Rumanija fir-risposta u fil-kontroreplika tagħha, huwa stabbilit li, fid-data tal-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-ittra ta' intimazzjoni, kif estiż, jiġifieri fit-30 ta' Settembru 2020, dan l-Istat Membru ma kienx adotta l-miżuri neċċessarji sabiex jikkonforma ruħu mas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, fir-rigward tal-ġeluq ta' 47 landfill mit-68 landfill imsemmija f'dik is-sentenza.
- 39 F'dan iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li, billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, ir-Rumanija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE.

## Fuq is-sanzjonijiet pekunjarji

### *Fuq il-pagamenti ta' penalità*

#### *L-argumenti tal-partijiet*

- 40 Il-Kummissjoni ssostni li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat fil-konfront tar-Rumanija għadu jeżisti fid-data tal-eżami tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja, u tiproponi li jiġi ssanzjonat in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija permezz tal-kundanna ta' dan l-Istat Membru għal pagamenti ta' penalità, billi tibbaża ruħha b'mod partikolari fuq il-Komunikazzjoni tagħha SEC(2005) 1658, tat-12 ta' Diċembru 2005, intitolata "Implimentazzjoni tal-Artikolu [260 TFUE]" (iktar 'il quddiem il-“Komunikazzjoni tal-2005”), kif ukoll fuq il-Komunikazzjoni tagħha intitolata “Aġġustament tal-kalkolu għall-pagamenti ta' somma f'daqqa u ta' penali proposti mill-Kummissjoni fi proċedimenti ta' ksur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, wara l-ħruġ tar-Renju Unit” (ĠU 2021, C 129, p. 1). Il-Kummissjoni tosserva li, skont il-formola msemmija fil-Komunikazzjoni tal-2005, l-ammont tal-pagamenti ta' penalità għal kull jum huwa ugħwali għall-ammont fiss ta' bażi uniformi mmultiplikat b'koeffiċjent ta' gravità, b'koeffiċjent ta' tul u b'fattur “n”, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni.
- 41 Fir-rigward tal-koeffiċjent ta' gravità, il-Kummissjoni tirrileva li, jekk kull ksur li jirriżulta min-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jippreżenta fih innifsu gravità ċerta, in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' rimi tal-iskart mingħajr ma tīgi pperikolata s-saħħha tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent għandu jiġi kklassifikat bħala partikolarmen gravi. Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk jeżistux ċirkustanzi attenwanti jew aggravanti, il-Kummissjoni tosserva, minn naħħa, li l-kooperazzjoni tar-Rumanija fil-kuntest tal-proċedura skont l-Artikolu 260 TFUE kif ukoll il-progress imwettaq minn dan l-Istat Membru fit-tnejja tan-numru ta' landfills li għandhom jingħalqu u fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjonijiet interni intiżi sabiex jiffaċilitaw l-esproprjazzjoni ta' dawn il-landfills jistgħu jikkostitwixxu ċirkustanzi attenwanti. Min-naħħa l-oħra, il-fatt li r-Rumanija baqgħet ma kkonformatx mar-rekwiżiti

tad-Direttiva 1999/31 mis-16 ta' Lulju 2009 jikkostitwixxi ċirkustanza aggravanti. B'hekk, il-Kummissjoni tiproponi li jiġi applikat koeffiċjent ta' gravità ta' 5 fuq l-iskala ta' bejn 1 u 20 stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-2005.

- 42 Fir-rigward tal-koeffiċjent tat-tul ta' żmien, peress li għaddew iktar minn 36 xahar bejn id-data tal-għoti tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija u dik li fiha l-Kummissjoni ġadet id-deċiżjoni li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja, din l-istituzzjoni tiproponi li dan il-koeffiċjent jiġi ffissat għal-livell massimu previst mill-Komunikazzjoni tal-2005, jiġifieri 3 fuq skala minn 1 sa 3.
- 43 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-fattur "n", jekk il-Kummissjoni tieħu nota tal-insenjamenti tas-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irku pru ta' għajjnuna mill-Istat – Ferronickel) (C-51/20, EU:C:2022:36), li minnha jirriżulta li l-prodott gross domestiku (PGD) tal-Istat Membru kkonċernat jikkostitwixxi l-fattur predominant, filwaqt li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-piż istituzzjonali tiegħu ma huwiex, min-naħħa tiegħu, indispensabbi, din l-istituzzjoni madankollu tibbaża t-talba tagħha fuq il-parametri esposti fil-komunikazzjonijiet imsemmija fil-punt 40 ta' din is-sentenza, li għadhom ma ġewx adattati wara dik is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irku pru ta' għajjnuna mill-Istat – Ferronickel) (C-51/20, EU:C:2022:36). F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tiproponi li l-fattur "n" għar-Rumanija jiġi stabbilit fil-livell ta' 0.74.
- 44 Skont il-Kummissjoni, peress li l-somma fissa ta' bażi uniformi hija stabbilita fl-ammont ta' EUR 2 683, l-ammont tal-pagamenti ta' penalitā għandu jkun ta' EUR 29 781.30 għal kull jum. Sabiex jiġi għar-rigward tal-ġġażżeen progressiv ta' dan l-ammont skont il-progress imwettaq mir-Rumanija fl-osservanza tal-obbligi tagħha, din l-istituzzjoni tiproponi li jiġi applikati pagamenti ta' penalitā digressivi billi l-imsemmi ammont jiġi diviż bin-numru ta' landfills imsemmija fir-rikors, jiġifieri 44, b'tali mod li l-ammont miksub b'dan il-mod, li jkun ugħalli għal EUR 676.85 għal kull jum, jitnaqqas minn dak tal-pagamenti ta' penalitā għal kull jum fir-rigward ta' kull landfill li fir-rigward tagħha r-Rumanija tkun ġadet il-miżuri neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija.
- 45 Ir-Rumanija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-talba għal pagamenti ta' penalitā tal-Kummissjoni jew, sussidjarjament, tnaqqas l-ammont tagħha, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-progress imwettaq minn dan l-Istat Membru fil-proċess tiegħu ta' konformità mad-Direttiva 1999/31.
- 46 Fir-rigward tal-koeffiċjent ta' gravità, ir-Rumanija ssostni li kull ksor tad-Direttiva 1999/31 ma jistax jitqies li huwa partikolarmen gravi u li, f'dan ir-rigward, il-progress imwettaq fl-ġħeluq tal-landfills ikkonċernati għandu jittieħed inkunsiderazzjoni.
- 47 Minbarra ċ-ċirkustanzi attenwanti identifikati mill-Kummissjoni, ir-Rumanija ssostni li l-fatt li dan l-Istat Membru qatt qabel ma ġie kkundannat għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jikkostitwixxi wkoll ċirkustanza attenwanti. Barra minn hekk, skont l-imsemmi Stat Membru, it-tul tal-ksur ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni bħala ċirkustanza aggravanti.
- 48 Fir-rigward tal-koeffiċjent tat-tul, ir-Rumanija ssostni b'mod partikolari li, billi tibbaża ruħha fuq id-data li fiha hija ddeċidiet li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq element li ma jiddependix mir-rieda tal-Istat Membru kkonċernat, iżda mill-metodu u mill-volum ta' xogħol tad-dipartimenti ta' din l-istituzzjoni.

- 49 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-fattur “n”, ir-Rumanija tqis li r-riferiment għall-piż istituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat ma huwiex konformi mal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 43 ta’ din is-sentenza. Ir-Rumanija tistieden ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni tal-PGD tagħha matul il-perijodu bejn is-sena 2020 u s-sena 2022.

#### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 50 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-ġhan tal-proċedura prevista fl-Artikolu 260(2) TFUE huwa li Stat Membru inadempjenti jiġi imħeġġeġ jeżegwixxi sentenza li tikkonstata nuqqas u, għalhekk, li tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni, u li l-miżuri previsti f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri l-pagamenti ta’ penalità u s-somma f’daqqa, għandhom it-tnejn li huma dan l-istess għan (sentenza tal-20 ta’ Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irkupru ta’ ghajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 85 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 51 Għandu jitfakkar ukoll li hija l-Qorti tal-Ġustizzja li, f’kull kawża u fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ li jkollha quddiemha kif ukoll tal-livell ta’ persważjoni u ta’ dissaważjoni li jidhrilha meħtieġ, għandha tiddetermina s-sanzjonijiet pekunjarji xierqa, b’mod partikolari għall-prevenzjoni tar-repetizzjoni ta’ ksur analogu tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-20 ta’ Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irkupru ta’ ghajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 52 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-impożizzjoni ta’ pagamenti ta’ penalità hija ġġustifikata, bħala prinċipju, fil-każ biss li n-nuqqas ta’ twettiq tal-obbligu li tiġi eżegwita s-sentenza preċedenti jippersisti sal-eżami tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-20 ta’ Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irkupru ta’ ghajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 53 Sabiex jiġi ddeterminat jekk in-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu invokat fil-konfront tal-konvenut baqax għaddej sal-eżami tal-fatti tal-każ mill-Qorti tal-Ġustizzja, għandhom jiġu evalwati l-miżuri li, skont il-konvenut, kienu ġew adottati wara t-terminali stabbilit fl-ittra ta’ intimazzjoni (sentenza tal-20 ta’ Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irkupru ta’ ghajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 54 F’dan il-każ, huwa stabbilit li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi msemmija fil-punt 21 ta’ din is-sentenza, ir-Rumanija baqgħet ma eżegwietx is-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija fir-rigward ta’ 31 landfill, b’tali mod li n-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu allegat fil-konfront tar-Rumanija kompla sal-eżami tal-fatti tal-każ mill-Qorti tal-Ġustizzja.
- 55 F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-kundanna tar-Rumanija għall-ħlas ta’ pagamenti ta’ penalità tikkostitwixxi mezz finanzjarju xieraq sabiex dan l-Istat Membru jiġi imħeġġeġ jieħu l-miżuri neċċessarji sabiex itemm in-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu kkonstatat u sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija (ara, b’analoga, is-sentenza tal-20 ta’ Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irkupru ta’ ghajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 92).
- 56 F’dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li l-pagamenti ta’ penalità għandhom jiġu stabbiliti skont il-grad ta’ persważjoni neċċessarju sabiex l-Istat Membru kkonċernat jibdel l-aġir tiegħu u jtemm l-aġir inkriminat (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta’ Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irkupru ta’ ghajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 93 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 57 Fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha f'dan il-qasam, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tistabbilixxi l-pagamenti ta' penalitā b'tali mod li dawn ikunu, minn naħa, adattati għaċ-ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, proporzjonati man-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat u mal-kapaċitā ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat (sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irkupru ta' ghajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 58 Il-proposti tal-Kummissjoni dwar l-ammont tal-pagamenti ta' penalitā ma jistgħux jorbtu lill-Qorti tal-Ġustizzja u huma biss punt ta' riferiment utli. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tibqa' libera li tiffissa l-pagamenti ta' penalitā fl-ammont u fil-forma li hija tqis adatti sabiex theggieg lill-Istat Membru kkonċernat itemm in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligli tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-12 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (Dħul minn proprjetà immoblli barranija), C-842/19, EU:C:2020:915, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 59 Għall-finijiet tal-iffissar tal-ammont tal-pagamenti ta' penalitā, il-kriterji bażiċi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tīgħi żgurata n-natura koerċittiva ta' dawn tal-aħħar, fid-dawl ta' applikazzjoni uniformi u effettiva tad-dritt tal-Unjoni, huma, bħala prinċipju, il-gravità tal-ksur, it-tul tiegħu u l-kapaċitā ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni. Għall-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, hemm lok li jiġu kkunsidrati, b'mod partikolari, il-konseguenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fuq l-interessi privati u pubbliċi, kif ukoll l-urġenza li l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma ruħu mal-obbligli tiegħu (sentenza tat-12 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (Dħul minn proprjetà immoblli barranija), C-842/19, EU:C:2020:915, punt 65, u tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irkupru ta' ghajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 96 u kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 60 Fir-rigward tal-gravità tal-ksur, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 1999/31, din tal-aħħar hija intiża b'mod partikolari sabiex tipprekludi jew tnaqqas kemm jista' jkun l-effetti negattivi tar-rimi ta' skart f'landfill fuq l-ambjent, kif ukoll ir-riskji li jirriżultaw minn dan għas-saħħha tal-bniedem.
- 61 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta ksur u, b'mod partikolari, nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jkun ta' natura li jikkawża dannu lill-ambjent u li jipperikola s-saħħha tal-bniedem, tali ksur għandu jitqies li huwa partikolarmen gravi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Franz, C-121/07, EU:C:2008:695, punt 77, u tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-328/16, EU:C:2018:98, punt 93 u kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 62 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-proċess ippreżzentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, l-implementazzjoni inkompleta tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumania twassal għal riskju sinjifikattiv ta' tniġġis u ta' konseguenzi serji għas-saħħha tal-bniedem, b'mod partikolari permezz tar-rilaxx ta' sustanzi kimiċi dannozi fil-ħamrija, fl-arja u fl-ilma. Dan huwa, b'mod partikolari, il-każ ta' landfills ta' skart industrijali perikoluż li għadhom ma ngħalqu.
- 63 F'dan ir-rigward, hemm lok, ċertament, li jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħala ċirkustanzi attenwanti, il-kooperazzjoni tar-Rumanija fil-kuntest tal-proċedura skont l-Artikolu 260 TFUE kif ukoll il-progress li sar fit-naqqis tan-numru ta' landfills li għandhom jingħalqu u fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjonijiet interni intiżi li jiffaċilitaw l-esproprazzjoni ta' landfills li għandhom jingħalqu. Bi-istess mod, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, bħala ċirkustanza attenwanti, il-fatt li dan

I-Istat Membru qatt ma naqas, qabel dan il-każ, milli jeżegwixxi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 258 TFUE (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja, C-270/11, EU:C:2013:339, punt 55).

- 64 Madankollu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll, bħala ċirkustanza aggravanti, il-fatt li l-imsemmi Stat Membru ma pprevediex li jikkonforma ruħu bis-šiħiħ mar-rekwiżiti tad-Direttiva 1999/31 qabel ix-xahar ta' Diċembru 2023, jiġifieri iktar minn erbatax-il sena wara l-iskadenza tat-terminu msemmi fil-punt 26 ta' din is-sentenza, b'tali mod li n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti huwa ta' natura partikolarment twila (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-557/14, EU:C:2016:471, punt 74).
- 65 Fir-rigward tat-tul tal-ksur, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-perijodu bejn l-għoti tas-sentenza li tikkonstata l-ewwel nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u l-mument li fih il-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa l-fatti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (Dħul minn proprietà immobbli barranja), C-842/19, EU:C:2020:915, punt 56, u tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irku pru ta' għajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 105 u kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 66 F'dan il-każ, huwa stabbilit li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ilu iktar minn erba' snin wara d-data tal-ġħoti tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, li jikkostitwixxi tul kunsiderevoli (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irku pru ta' għajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 106).
- 67 Fil-fatt, minkejja li l-Artikolu 260(1) TFUE ma jippreċiżax it-terminu li fih għandha ssir l-eżekuzzjoni ta' sentenza, l-interess marbut ma' applikazzjoni immedjata u uniformi tad-dritt tal-Unjoni jeżiġi, skont ġurisprudenza stabbilita, li din l-eżekuzzjoni tinbeda immedjatamente u tintemm fl-iqsar żmien possibbli (sentenza tat-12 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (Qasam ta' mtieħen tar-riħ ta' Derrybrien), C-261/18, EU:C:2019:955, punt 123 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 68 F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-argument tar-Rumanija, li t-tul tal-ksur invokat mill-Kummissjoni jiddejendi mill-metodu jew mill-volum ta' xogħol tad-dipartimenti ta' din l-istituzzjoni, huwa biziżżejjed li jiġi rrilevat li dan it-tul huwa imputabqli biss lill-aġir tal-Istat Membru kkonċernat, li naqas milli jimplimenta s-sentenza kkonċernata fl-intier tagħha, b'tali mod li dan l-argument ma jistax jintlaqa'.
- 69 Fir-rigward tal-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat, wieħed għandu jibbażra ruħu fuq il-PDG ta' dan tal-aħħar bħala fattur predominant, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-piż istituzzjonali tiegħi. F'dan ir-rigward, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll l-evoluzzjoni reċenti tal-PGD ta' dan l-Istat Membru, kif din tkun fid-data tal-eżami tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irku pru ta' għajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punti 107 u 116).
- 70 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-frekwenza tal-pagamenti ta' penalità, kif tipproponi l-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis xieraq li tiffissa ammont għal kull landfill u għal kull jum ta' dewmien, sabiex ikun jista' jittieħed inkunsiderazzjoni l-progress magħmul mir-Rumanija fl-ġħeluq tal-landfills ikkonċernati.

- 71 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-Artikolu 260(2) TFUE, hemm lok li r-Rumanija tiġi kkundannata tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penalità fl-ammont ta' EUR 600 għal kull landfill u għal kull jum ta' dewmien fl-implementazzjoni tal-miżuri neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija, b'effett mid-data tal-ġhoti ta' din is-sentenza u sad-data tal-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija.

### ***Fuq is-somma f'daqqa***

#### *L-argumenti tal-partijiet*

- 72 Il-Kummissjoni tafferma li kull dewmien tal-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirrappreżenta ksur gravi tal-prinċipju ta' legalità u ta' ċertezza legali f'Unjoni bbażata fuq l-Istat tad-dritt.
- 73 F'dan il-każ, skont il-Kummissjoni, il-kundanna tar-Rumanija għall-ħlas ta' somma f'daqqa hija ġġustifikata mill-perikolu li jirrappreżentaw il-landfills ikkonċernati għall-ambjent u għas-saħħha tal-bniedem kif ukoll min-neċċessità li tiġi evitata b'mod effettiv ir-repetizzjoni ta' ksur simili tad-dritt tal-Unjoni.
- 74 Fir-rigward tal-ammont tas-somma f'daqqa, il-Kummissjoni tiproponi li jiġi applikat għall-ammont fiss ta' bażi uniformi ta' EUR 895, previst mill-komunikazzjonijiet imsemmija fil-punt 40 ta' din is-sentenza, l-istess koeffiċjent ta' gravità u l-istess fattur "n" bħal dawk użati għall-kalkolu tal-pagamenti ta' penalità, filwaqt li t-tul tal-ksur, min-naħħa tiegħu, huwa meħud inkunsiderazzjoni bl-iffissar ta' ammont għal kull jum immultiplikat bin-numru ta' jiem ta' persistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.
- 75 B'hekk, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkundanna lir-Rumanija tħallas somma f'daqqa għal kull jum ta' EUR 3 311.50, immultiplikata bin-numru ta' jiem li jkunu għaddew mill-jum ta' wara l-ġhoti tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija sad-data li fiha r-Rumanija tkun ħadet il-miżuri kollha neċċesarji għall-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza jew, fin-nuqqas, sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża, sakemm tkun inqabżet is-somma f'daqqa minima ta' EUR 1 643 000. L-iffissar ta' somma f'daqqa minima huwa ġġustifikat min-neċċessità li tiġi imposta sanzjoni reali u dissważiva f'kull każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni persistenti ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- 76 Ir-Rumanija tqis, essenzjalment għall-istess raġunijiet bħal dawk li hija invokat fir-rigward tat-talba għal pagamenti ta' penalità, li għandu jitnaqqas l-ammont tas-somma f'daqqa mitluba mill-Kummissjoni. Hija ssostni wkoll li t-talba għall-iffissar ta' somma f'daqqa minima għandha tiġi miċħuda, peress li din is-somma ma tħux inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tal-ksur issanzjonat.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 77 Preliminarjament għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja hija awtorizzata, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lilha fil-qasam ikkunsidrat, timponi, b'mod kumulattiv, pagamenti ta' penalità u somma f'daqqa (sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, (Irku pru ta' għajnejha mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 128 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 78 Il-kundanna għall-ħlas ta' somma f'daqqa u l-iffissar tal-eventwali ammont ta' din is-somma għandhom, f'kull każ inkwistjoni, jibqgħu jiddependu mill-elementi rilevanti kollha li jirrigwardaw kemm il-karatteristiċi tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat kif ukoll l-aġir stess tal-Istat Membru kkonċernat mill-proċedura mibdija skont l-Artikolu 260 TFUE. F'dan ir-rigward, dan tal-aħħar jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex tiddeċiedi dwar jekk tali sanzjoni tiġix imposta u sabiex tiddetermina, jekk ikun il-każ, l-ammont tagħha (sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irku pru ta' għajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 129 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 79 F'dan il-każ, kif irrilevat il-Kummissjoni, l-elementi li wasslu għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat minn din is-sentenza jiġiustifikaw, fid-dawl tal-fatt li dawn l-elementi jippreżentaw perikolu għall-ambjent u għas-sahħha tal-bniedem, u fid-dawl tan-neċċessità li tiġi evitata b'mod effettiv ir-repetizzjoni futura ta' ksur simili tad-dritt tal-Unjoni, l-adozzjoni ta' miżura dissważiva, bħall-kundanna għall-ħlas ta' somma f'daqqa (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2018, Il-Kummissjoni vs Is-Slovakkja, C-626/16, EU:C:2018:525, punt 99).
- 80 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, li għandha tistabbilixxi l-ammont ta' din is-somma f'daqqa b'mod li din tkun, minn naħħa, adatta għaċ-ċirkustanzi u, min-naħħa l-oħra, proporzjonata mal-ksur imwettaq (sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irku pru ta' għajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 131 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 81 Iċ-ċirkustanzi li għandha jittieħdu inkunsiderazzjoni jirriżultaw b'mod partikolari mill-kunsiderazzjonijiet li saru fil-punti 59 sa 69 ta' din is-sentenza, li jikkonċernaw il-gravità u t-tul tal-ksur, kif ukoll il-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Irku pru ta' għajjnuna mill-Istat – Ferronickel), C-51/20, EU:C:2022:36, punt 133 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 82 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa xieraq li tiġi imposta somma f'daqqa li tammonta għal EUR 1 500 000.
- 83 Konsegwentement, ir-Rumanija għandha tiġi kkundannata tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa li tammonta għal EUR 1 500 000.

## Fuq l-ispejjeż

- 84 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk tkun saret talba f'dan is-sens. Peress li l-Kummissjoni talbet il-kundanna tar-Rumanija għall-ispejjeż u peress li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ġie kkonstatat, hemm lok li dan l-Istat Membru jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Billi ma adottatx il-miżuri kollha neċċesarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija (C-301/17, EU:C:2008:846), ir-Rumanija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE.**

- 2) Ir-Rumanija hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea pagamenti ta' penalità fl-ammont ta' EUR 600 għal kull landfill u għal kull jum ta' dewmien fl-implementazzjoni tal-miżuri neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija (C-301/17, EU:C:2018:846), b'effett mid-data tal-għoti ta' din is-sentenza u sa dik tal-eżekuzzjoni šiħa tas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija (C-301/17, EU:C:2018:846).
- 3) Ir-Rumanija hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea somma f'daqqa fl-ammont ta' EUR 1 500 000.
- 4) Ir-Rumanija hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem